DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Ottubru 2014

li temenda d-Deċiżjoni 2007/453/KE fir-rigward tal-istatus tal-BSE fil-Bulgarija, l-Estonja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, il-Portugall u s-Slovakkja

(notifikata bid-dokument C(2014) 7516)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/732/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered ([1]), u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprovdi li Stati Membri, pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom ("pajjiżi jew reġjuni") għandhom ikunu kklassifikati skont l-istatus tagħhom tal-Enċifalopatija Sponġiformi Bovina (BSE) f'waħda minn tliet kategoriji: riskju ta' BSE negliġibbli, riskju ta' BSE kkontrollat, u riskju ta' BSE mhux determinat.

(2) L-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE ([2]) jelenka l-pajjiżi jew ir-reġjuni skont l-istat tagħhom tal-BSE.

(3) L-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) għandha rwol ewlieni fil-kategorizzazzjoni ta' pajjiżi jew reġjuni skont ir-riskju tagħhom tal-BSE. Il-lista fl-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE tikkunsidra r-Riżoluzzjoni Nru 20 — Recognition of the Bovine Spongiform Encephalopathy Risk Status of Member Countries (Rikonoxximent tal-Istatus tal-Enċefalopatija Sponġiformi Bovina tal-Pajjiżi Membri) — adottata mill-OIE f'Mejju 2013.

(4) F'Mejju 2014, l-OIE adottat ir-Riżoluzzjoni Nru 18 — Recognition of the Bovine Spongiform Encephalopathy Risk Status of Member Countries (Rikonoxximent tal-Istatus ta' Riskju tal-Enċefalopatija Sponġiformi Bovina tal-Pajjiżi Membri) ([3]). Minbarra l-Istati Membri diġà elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE, dik ir-Riżoluzzjoni rrikonoxxiet li l-Bulgarija, l-Estonja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovakkja għandhom riskju negliġibbli ta' BSE.

(5) F'Ġunju 2014, l-OIE ssospendiet ([4]) l-istatus ta' riskju negliġibbli ta' BSE għar-Rumanija, b'effett mis-27 ta' Ġunju 2014, wara rapport li rċeviet id-Delegazzjoni tal-OIE fir-Rumanija dwar is-sejba ta' każ ta' BSE fir-Rumanija.

(6) Għalhekk, il-lista fl-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE għandha tiġi emendata biex issir konformi mar-Riżoluzzjoni Nru 18 adottata mill-OIE f'Mejju 2014 u biex titqies id-Deċiżjoni sussegwenti tal-OIE li tissospendi r-riskju negliġibbli ta' BSE għar-Rumanija.

(7) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni 2007/453/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE jinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE tad-29 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-istatus tal-BSE ta' Stati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skont ir-riskju tal-BSE (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84).
([3]) http://www.oie.int/fileadmin/Home/eng/Animal_Health_in_the_World/docs/pdf/2014_A_RESO-18_BSE.pdf
([4]) http://www.oie.int/animal-health-in-the-world/official-disease-status/bse/lossreinstatement-of-status/

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni
Tonio BORG
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS

LISTA TA' PAJJIŻI JEW REĠJUNI

A. **Pajjiżi jew reġjuni b'riskju negliġibbli ta' BSE**

Stati Membri

— Il-Belġju

— Il-Bulgarija

— Il-Kroazja

— Id-Danimarka

— L-Estonja

— L-Ungerija

— L-Italja

— Il-Latvja

— Il-Lussemburgu

— Malta

— Il-Pajjiżi l-Baxxi

— Il-Portugall

— L-Awstrija

— Is-Slovenja

— Is-Slovakkja

— Il-Finlandja

— L-Isvezja

Pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles

— L-Islanda

— In-Norveġja

Pajjiżi terzi

— L-Arġentina

— L-Awstralja

— Il-Brażil

— Iċ-Ċilì

— Il-Kolombja

— L-Indja

— L-Iżrael

— Il-Ġappun

— In-New Zealand

— Il-Panama

— Il-Paragwaj

— Il-Perù

— Singapor

— L-Istati Uniti

— L-Urugwaj

B. **Pajjiżi jew reġjuni b'riskju kkontrollat ta' BSE**

Stati Membri

— Ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, Ċipru, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, ir-Renju Unit

Pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles

— Il-Liechtenstein

— L-Isvizzera

Pajjiżi terzi

— Il-Kanada

— Il-Kosta Rika

— Il-Messiku

— In-Nikaragwa

— Il-Korea t'Isfel

— It-Tajwan

C. **Pajjiżi jew reġjuni b'riskju mhux determinat ta' BSE**

— Pajjiżi jew reġjuni li mhumiex elenkati fil-punti A jew B."